Avviż Numru CCT 488/10

**Joseph Cassar**

**vs**

**Paul Gauci**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab l-ammont ta' elfejn, sitt mija u għaxar ewro (€2,610), rappreżentanti ħsarat fil-vettura li kien xtara mingħand l-intimat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar għand l-intimat u sabu vettura minn fuq l-internet, liema vettura għoġbitu, u l-intimat offra li jħallas kollox hu u jġibhielu Malta. Meta l-vettura ġiet Malta, kellha diversi ħsarat fil-*fuel injectors* u għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob id-danni tagħhom.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta li hu ma kellu l-ebda vettura u li sempliċiment wassalhielu Malta fuq struzzjoni tiegħu u li ħallas għall-affarijiet kollha biex imbagħad jitħallas lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, sema' l-verżjoni tal-partijiet, illi wieħed qed jgħid illi l-vettura nxtrat mill-intimat u li r-rikorrenti ħallas għal kollox inkluż il-vettura u l-ispejjeż sabiex tinġab Malta. Min-naħa l-oħra l-intimat qed jissottometti illi huwa aġixxa biss bħala aġent għalkemm wassallu l-vettura Malta.

It-Tribunal, jinnota li dawn huma argumenti leġittimi u li bilfors iħallu ċertu konfużjoni f'moħħ il-ġudikant minħabba l-fatt illi t-termini legali ma kinux ċari meta sar in-negozju.

Pero, t-Tribunal iħoss li l-intimat għandu ċertu obbligi minħabba l-fatt li ħa r-responsabilta' kollha sabiex jurihielu u jwassallu l-vettura Malta u jitħallas tax-xogħol tiegħu. Pero' xorta jibqa' l-fatt illi ma kinux ftiehmu fuq konsegwenzi jekk il-vettura jkollha xi ħsarat, żgur li l-intimat qatt m'aċċetta li jkun hemm xi garanziji jekk jinzertalha l-ħsarat.

It-Tribunal, ukoll jinnota li din il-konfużjoni jew nuqqas ta' ċarezza, l-ebda parti ma tista' tibbenefika minnha, anke minħabba l-fatt li r-rikorrenti m'enfasizzax fuq konsegwenzi ta' ħsara, kif ukoll l-intimat baqa' sieket fuq xi konsegwenzi ta' ħsarat tal-vettura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, b'ekwita' jiddeċiedi illi jilqa' t-talba parzjalment tar-rikorrenti, billi jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**